

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1932**tal-10 ta' Diċembru 2018****li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 667/2010 dwar ġerti miżuri restrittivi rigward l-Eritrea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1944 tal-10 ta' Diċembru 2018 li tħassar id-Deċiżjoni 2010/127/PESK dwar ġerti miżuri restrittivi kontra l-Eritrea (¹),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1907 (2009) li timponi miżuri restrittivi kontra l-Eritrea, li tikkonsisti fi projbizzjoni tal-bejgħ u l-provvista lill-Eritrea u mill-Eritrea ta' armi u materjal relata.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 667/2010 (²) jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/127/PESK (³), adottata skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1907 (2009).
- (3) Fl-14 ta' Novembru 2018, il-KSNU adotta l-UNSCR 2444 (2018) li jtemm, b'effett immedjat, il-miżuri restrittivi kollha tan-NU kontra l-Eritrea.
- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1944 li tkħassar id-Deċiżjoni 2010/127/PESK.
- (5) Dawn il-miżuri huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 667/2010 jitħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 667/2010 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI*

(¹) Ara l-paġna 60 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 667/2010 tas-26 ta' Lulju 2010 dwar ġerti miżuri restrittivi rigward l-Eritrea (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 16).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/127/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea (ĠU L 51, 2.3.2010, p. 19).